MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 998/2009

**Stephen Tabone I.D. 391265(M) u**
**Antonia Tabone I.D. 080867(M).**

**Vs**

**Charles Casha I.D. 457468(M) u**
**s-siehba Lucienne Portelli I.D. 031378(M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz ta'l-atturi fejn ippremettew illi fit-12 ta' Mejju, 2006, l-atturi konjugi Tabone kienu krew lill-intimati l-appartament indikat fic-citazzjoni bid-dettalji hemm imsemmija, il-kera ta' mitejn hamsa u erbghin Euro (€ 245) fix-xahar bil-quddiem.

Illi nhar il-Hamis, 26 ta' Novembru, 2009, l-intimati telqu mill-appartament imsemmi u kien ghad baqghalhom ihallsu l-kera ta' xahrejn li tigi erba' mija u disghin Euro (€490), kif ukoll kontijiet tad-dawl u ilma pendenti li

b'kollox jammonta ghal elf, hames mija u sitt Ewro u hamsa u ghoxrin Ewro centezmu (€1,506.25) b'kollox dovut elf disa' mija sitta u disghin Ewro u hamsa u ghoxrin Ewro centezmu (€1,996.25), apparti mill-imghaxijiet dovuti sal-pagament effettiv u l-ispejjes gudizzjarji u extra-gudizzjarji kollha, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru ***3553/09*** bid-data tat-8 ta' Novembru, 2009, kif ukoll atti ohra direttament u indirettament konessi .

Illi l-kera hija ghax-xhur ta' Ottubru u ta' Novembru, waqt illi l-kontijiet tad-dawl u ilma huma mix-xhur Awissu, 2008 sas-26 ta' Novembru, 2009, iz-zewg dati nkluzi , elf disa' mija sitta u disghin Ewro u hamsa u ghoxrin Ewro centezmu (€1,996.25),

Ra r-risposta tal-konvenuti li ecceppew illi l-hlas mitlub bhala kera u cioe' erba' mija u disghin Ewro (€490) mhux qed jigi kontestat u huwa ammess.

Il-hlas mitlub ghas-servizzi tad-dawl u ilma qed jigi kkontestat stante illi l-uniku ammont li jista' jkun ghadu dovu huwa certament ferm anqas minn dak pretiz mill-atturi, billi fil-perjodu imsemmi il-konvenuti ghamlu diversi pagamenti direttament lill-attur akkont.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Tania Tabone.

Ra x-xhieda ta' Stephen Tabone.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi fis-seduta tat-22 ta' Settembru, l-konvenuta ammettiet li l-ammonti pretizi mill-atturi kienu dovuti kollha u hi kif ukoll il-konvenut ma kienux effettwaw ebda pagament.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, kif dedotti.

Bl-ispejjes gudizzjarji kif ukoll l-ispejjes extra-gudizzjarji, flimkien mal-imghaxijiet kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------